MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 117/2007

**Anna Degabriele (ID464820M) u Joseph Degabriele (ID82260M) bhala mandatarju specjali ta' l-imsiefer Carmelo Schembri li jinsab assenti minn Malta**

**vs**

**Victor Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat 31 ta' Jannar 2007 u d-dokumenti l-ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 u peress li wara li semghet bil-gurament lill-intimat konvenut, din il-Qorti thoss li x-xhieda tieghu turi li m'ghandux eccezzjonijiet *prima facie* x'jaghti fil-ligi u fil-fatt sabiex jikkontesta l-azzjoni attrici, b'dan li jidher li ma ghandu ebda bazi biex jopponi t-talba attrici skond dak provdut fl-artikolu 170 tal-Kap 12.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat, b’dan illi tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta’ tletin (30) jum millum sabiex il-konvenut intimat jizgombra mill-istess art.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------